MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 956/2000/2

**Anthony Vella**

**vs**

**Freeport Terminal (Malta) p.l.c.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, datata 17 ta’ Mejju 2000 fejn gie espost: -

Illi fis-6 ta' April 1998 l-attur li hu impjegat mas-socjeta` konvenuta, waqt li kien fuq xoghol fil-Freeport Terminal wegga' gravament f'saqajh;

Illi kagun tal-griehi ta' natura gravi li huwa garrab, sofra danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*, tant illi qed ibati minn dizabilita' ta' natura permanenti;

Illi ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali tahti s-socjeta` konvenuta minhabba imprudenza, negligenza u traskuragni da parti tas-socjeta` konvenuta;

Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni;

Illi s-socjeta` konvenuta *nonostante* diversi interpellazzjonijiet sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur, anki permezz ta' ittra ufficjali, hija baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjaraha responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u konsegwentement responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-istess incident;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-incident, jekk mehtieg bl-assistenza ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju 1999 u tal-ittra bonarja tat-18 ta' Mejju 1999 kontra s-socjeta` konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghax skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Freeport Terminal (Malta) PLC datata 22 ta’ Gunju 2000 (fol 8) fejn esponiet: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur *stante* li l-incident fejn korra l-attur sehh unikament tort tal-istess attur minhabba imperizja u traskuragni da parti tieghu hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi *inoltre* u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-dizabbilita' ta' natura permanenti li allegatament qed isofri minnha l-attur ma gietx ikkawzata fl-incident tas-6 ta' April 1998 u dan ukoll ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jigu likwidati;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2005 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti iddikjarat maghluqa l-istadju tal-gbir tal-provi dwar ir-responsabbilta`. L-Avukati tal-partijiet talbu illi fuq dan il-punt il-Qorti tghaddi ghas-sentenza u ghal dan il-ghan jaghmlu referenza ghal dak li jirrizulta mill-process. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-aspett tar-responsabbilta` tal-incident ghas-27 ta’ Ottubru 2005; u l-verbali tas-seduta l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta’ Dicembru 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni ta’ din l-istess Qorti il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Settembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed ifittex lill-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. peress li fis-6 ta' April 1998, waqt li kien qed jahdem fuq xogholu fil-Freeport Terminal, fuq ordni tas-superjur tieghu, waqt li huwa kien qed jahdem fuq sellum li kien qed jistrieh ma' hajt, waqa', peress li skont l-attur, "*is-sellum zelaq bih*."[1] Minhabba f'hekk garrab griehi gravi u dan minhabba t-tort u jew negligenza u/jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk l-istess attur talab li s-socjeta` konvenuta tigi ddikjarata responsabbli ghall-incident imsemmi u li jigu likwidati d-danni sofferti minnu minhabba dan il-korriment. Fl-ahharnett sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Is-socjeta` konvenuta tghid li hija mhux responsabbli ghall-istess incident u dan ghax issostni li l-korriment ta' l-attur gara minhabba imperizja u traskuragini *da parte* tieghu.

Illi mill-provi jirrizulta li fis-6 ta' April 1998, l-attur kien qed jahdem bhala *general duty man* mal-*Freeport*. Xogholu kien li jghin lill-*mechanics* jew *technicians* fuq xogholhom. Dakinhar ordnawlu li jassisti lil Joseph Abela, li kien is-*senior* tieghu fuq ix-xoghol, u dan ordnalu li jitla' fuq is-sellum biex jghinu.

Skont l-attur[2], is-sellum hareg u zelaq bih u saqajh gietu fis-sellum. **Joseph Abela**[3], li kien it-*technician* li l-attur akkompanja fuq ix-xoghol fil-gurnata tal-incident qal li, ghalkemm ma rahx jaqa', l-attur tela' warajh u sema' habta u sab lis-sellum imzerzaq u l-attur tahtu jokrob <u>taht is-sellum</u>. Xehed ukoll li "*smajt is-sellum jizzerzaq..peress li kien tal-metall, ta' l-aluminium."* L-attur xehed ukoll li kien qed jahdem fuq is-sellum. It-*technician* kien fuq u hu (l-attur) kien fuq is-sellum izommlu minn taht. Dan hu kkorroborat mix-xhieda ta' Joseph Abela li qal li tela' fuq il-kamra biex izarma tubi u l-attur kellu jghinnu jzommhom.

---

[1] Xhieda a fol. 19 tal-process.
[2] Seduta tat-30 ta' Marzu 2001 a fol.17 *et.seq.*
[3] Seduta tal-1 ta' Gunju 2001 a fol.33 et seq.

Id-deskrizzjoni tal-incident li tirrizulta mill-*Accident report* a fol.75 tal-process hija daqsxejn differenti billi r-rapport jghid "*He slipped from the ladder and fell in between the (w)rungs of the ladder, hurting his* <u>*left*</u> *(?) knee and groin."*

Aparti d-diskrepanza u zball car rigward f'liema rkoppa korra, din il-verzjoni sserrah il-kagun tal-akkadut fuq l-attur billi tghid li zelaq hu bejn l-iskaluni. Dan jista' jbiddel id-dinamika tal-incident.

Skont ic-certifikat rilaxxjat mil-Kirurgu Zammit Maempel, li ezamina lill-attur fuq inkarigu tas-socjeta` assikurattiva[4] "*Mr. Vella told me that on the 6.04.98 he was standing on a ladder one floor above the ground, when the ladder slipped and he twisted his right knee as he attempted to regain his balance."*

Mill-provi jirrizulta li s-sellum kien ipprovdut mill-*Freeport,* kien ta' wiehed (mhux *extendable* u mhux forci), u kien imserrah mal-hajt. Kellu l-qiegh tal-lastiku. Ma hemmx kuntrast li l-kamra li fuqha strah is-sellum kienet gholi sular. Joseph Abela ppreciza li din kienet gholi ta' tmien filati.[5]

Rigward is-sellum, dan kien qed jinzamm fil-*workshop* u sa fejn ikkonstata ix-xhud Abela, ma kienx fih difetti. Ukoll hu eskluz li xi hadd zamm is-sellum ghall-attur waqt li kien qed jahdem fuqu. Tant hu hekk li l-istess *technician* tela' fuq is-sellum minghajr l-assistenza ta' hadd.

Jirrizulta mill-provi wkoll li l-attur kien ilu jahdem mal-*Freeport* minn 1994 u kien dedikat u serju fuq ix-xoghol. Abela xehed li jahdem fuq wires *high tension* u jaghzel in-nies li jahdmu mieghu. Inoltre kien imdorri jitla' u jinzel is-slielem u qatt ma kellu incident fuq ix-xoghol.[6]

Mill-assjem tal-provi, u specjalment tenut kont il-fatt li l-attur kien ilu jahdem is-snin bhala *handyman*, kien imdorri jitla' u jinzel mas-slielem, u kien meqjus mill-impjegati l-

---

[4] **Dok. FZM** a fol. 133 tal-process.

[5] Xhieda ta' **Joseph Abela** a fol. 34 tal-process.

[6] Xhieda ta' **Philiip Portelli** a fol. 43 tal-process.

ohra bhala persuna galbata u attent f'xogholu, il-Qorti tqies li l-verzjoni tal-akkadut li ta l-attur hija verosimili. F'dan il-kaz, waqa' minhabba li zelaq is-sellum u ma jirrizultax li kien hemm xi traskuragni da parti tieghu.

**<u>Responsabbilita' ghall-Incident</u>**

Din is-sentenza hija limitata fuq il-kwistjoni ta' responsabbilita' *o meno* tas-socjeta` konvenuta ghall-incident u danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.[7]

Bhala principju generali l-harsien tas-sahha u s-sigurta' fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku"[8]. Huwa dmir ta' min ihaddem li jipprovdi dik li tissejjah bhala *"a safe system of work",* b'dan li huwa obbligu tieghu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s**-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta' l-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)** [9] li jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem. Ukoll *"Huwa dmir ta' kull min jahdem fuq post tax-xoghol li jhares is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema l-ohra fl-istess post, kif ukoll tieghu stess"* (**Art. 2(2) (c) Att. VII tal-1994.)**

Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet **"John Sultana vs Francis Spiteri et noe",** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979,*" min ihaddem ghandu 'id-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

Gie ritenut li *a safe system of work* u *a safe working environment* ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li *" l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi* "- **"Julie Scicluna pro. et. noe. vs Sammy Meilaq nomine et."** (Citazzjoni numru 11/92 DS).

*Inoltre,* gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent

---

[7] Verbal datat nhar it-3 ta' Mejju 2005 a fol. 146 tal-process.

[8] Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) ta' l-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta.Sussegwentement dan l-obbligu kompla jigi regolat bl- Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18) u l-Avviz Legali 44 ta' l-.

[9] Ara per.es. - "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999)

tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu *(“***Cini vs Wells noe**”, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001), u jrid jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu.

Il-hsieb legali fil-materja giet spjegata mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet "**Francis Buhagiar et. v. Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et*".*** -dec. fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li *"tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill- imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta' -tas-sinistru li jkun sehh*". Kompliet "*Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilita` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."* F'dan il-kaz il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel ma kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilita` tal-“employer” talli ma pprovdiex “a safe system of work” lill-impjegat tieghu. Ara wkoll is-sentenza fil-kawza "**Bugeja vs Montanaro Gauci noe”-** A.C. deciza fl-14 ta' Mejju 2004.

Hu veru li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara **“Grech vs Farrugia”,** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994).Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza **“Borg vs Wells”** (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) *“In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work"* u " *dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta’ xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikli fuq ix-xoghol, u m’ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara *(ara “***Sciriha vs O’Flaherty noe”,** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta’ Mejju, 1994).

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

Jirrizulta li l-attur kien ilu s-snin jahdem fix-xoghol li kellu fid-data tal-incident, u kien ikkonsidrat bhala bniedem galbat u attent - bniedem li kien imdorri jitla' u jinzel is-slielem u li qatt ma kellu incident fuq ix-xoghol. Tant li kien jintaghzel meta x-xoghol kien jirrikjedi certu attenzjoni.

Madanakollu huwa fatt ippruvat li s-sellum zelaq. Il-Qorti tikkonsidra li l-uzu ta' sellum jimporta riskji inerenti anke ghall-persuna tas-sengha jew persuna mdorrija tahdem fix-xoghol ta' l-attur. Mument ta' disattenzjoni (mhux negligenza grossolana) anke da parti tal-impjegat jista' iwassal ghall-korriment gravi - anke meta il-waqa' ma jkunx minn xi gholi esagerat. Dawn ir-riskji jridu jigu assessjati minn min ihaddem biex jigu evitati l-korrimenti fuq ix-xoghol.

Fil-kaz in ezami, l-attur ma kellu lil hadd biex izommlu s-sellum. Kien ikun altru li kieku kellu bzonn jitla' u jinzel biss, izda f'dan il kaz, jirrizulta li kellu jahdem minn fuq is-sellum - xoghol li jimporta li jkun wieqaf fuq l-iskaluni u b'hekk huwa iktar espost ghat-telf ta' bilanc tieghu jew li s-sellum jizloq. Dan jista' jsehh minnkejja li l-haddiem ikun qed juza l-attenzjoni u prudenza misthoqqa. Difatti lanqas is-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova li tista' tinduci lill-Qorti biex tifhem li l-attur kien traskurat waqt li kien fuq xogholu. Allura l-Qorti minghajr prova cara, ma tistax tiddesumi li kien qed jaghmel xi movimenti azzardati fuq is-sellum li kkagunaw il-waqa' u tista' tikkonkludi li l-waqa' sehhet <u>minnkejja</u> l-attenzjoni dovuta tal-impjegat.

Is-sellum kien jinzamm fil-*workshop* il-qadim u ma jirrizultax li kien qed jigi spezzjonat, la qabel u lanqas wara l-incident, ghalkemm Joseph Abela jghid li ma kienx fih difetti. **Ivan Curmi**, il-*Maintenance and Repairs Manager* tas-socjeta` konvenuta, qal li lanqas ra s-sellum wara l-incident u qatt ma kellu *complaint* dwaru.[10] Il-Qorti tista' tifhem b'dan li ma jsirux spezzjonijiet regolari fuq l-ghodda u l-*equipment* li jintuzaw fil-*Freeport* u li l-Manager jistenna' li jkun hemm xi lment qabel ma jagixxi.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u fl-assenza ta' prova ta' negligenza da parti tal-attur, hija ragjonevoli li wiehed jikkonkludi li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-incident peress li njorat ir-riskji inerenti fix-xoghol partikolari assenjat lill-attur - li kellu jahdem waqt li jkun fuq sellum minghajr sorveljanza u assistenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, **tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara l-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u konsegwentement responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-istess incident.

Tordna l-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza fuq it-talbiet rimanenti.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[10] Xhieda fis-seduta tal-4 ta' Frar 2002